**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 3** **13 ta' Awwissu, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fit-13 ta' Awwissu fl-4.30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
NIL

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **3.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| 3.1.1 | Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa li bdiet fl-16:35. Il-Kunsillier Daniel Zerafa wasal fil-16.40. |
| | |
| **3.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| 3.2.1 | Il-Kunsillier Matthew Bugeja propona u l-Kunsillier Reno Bugeja ssekonda l-minuti tal-laqgħa. |
| | |
| **3.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku.** |
| 3.3.1 | Is-Sindku informa li kellu laqgħa fl-1 ta' Awwissu dwar it-traffiku li qiegħed jinħoloq fit-triq li tagħti lejn Delimara ma' Transport Malta Dan qiegħed ikun ikkawżat il-biċċa l-kbira mill-'Y Plates'. Qal li se jkollu laqgħa oħra l-ġimgħa d-dieħla dwar dan it-tragward. |
| 3.3.2<br><br><br>3.3.3 | Fis-7 ta' Awwissu 2024, is-sindku kellu laqgħa ma' rappreżentanti tal-Malta Public Libraries biex il-librerija pubblika tiġi tinfed kemm mill-iskola u kemm mit-triq ta' barra.<br>Is-Sindku qal li din il-binja li qiegħed jissuġġerixxi taqa' taħt dipartiment ieħor u mhux taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni u għaldaqstant iridu l-approvazzjoni tagħhom. |
| 3.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kellu laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici, fejn urieh ix-xewqa li l-binja tal-Kunsill tiġi flok l-eks Università tal-Enemalta, dik li tinsab fid-daħla ta' Triq il-Port Ruman. |
| 3.3.5 | Is-Sindku qal li Triq Bir Rikka hemm art li hi mitluqa u jixtieq li din issir ġnien, din ukoll qiegħda fil-manifest. Għaldaqstant ser japplika għall-Clearance mal-Lands Authority. |
| 3.3.6 | Is-Sindku ressaq ukoll is-suġġeriment tiegħu rigward l-imwejjed u s-siġġijiet. Ser issir tip ta' struttura mal-palm sabiex ma jibqgħux jitfgħu affarijiet magħhom, dan qiegħed jikkawża ħsara lill-palm u anke lid-dawl li hemm imdawwar mal-palm. |
| 3.3.7<br><br>3.3.8 | Is-Sindku ressaq għall-votazzjoni tal-kunsilliera sabiex jittieħed vot.<br><br>Taqblu li l-Kunsill għandu jinforma lil Transport Malta li mhux ħa jaċċetta li l-bejjiegħa tal-'boat trips' jingħataw permess biex jarmaw 5 metri 'l bogħod mill-ħolqa? Taqblu wkoll li wara din il-laqgħa l-Kunsill iqassam karta fejn jinforma lill-operaturi tal-'boat trips' b'dan il-ftehim? |

| | |
|---|---|
| 3.3.9 | Kien hemm vot unanimu. |
| 3.3.10<br><br>3.3.11<br><br>3.3.12 | Is-Sindku qal li qiegħed ikun hemm ħafna ilmenti fuq il-latrina pubblika u għaldaqstant hu tal-fehma li latrini pubbliċi għandhom ikunu bil-ħlas.<br><br>Talab għall-votazzjoni tal-kunsilliera sabiex jara jekk jaqblux li latrini pubbliċi ġewwa Marsaxlokk għandhom ikunu bil-ħlas.<br><br>Kien hemm vot nem con. |
| 3.3.13 | Is-Sindku qal li hemm bżonn ta' meeting mal-'Cleansing & Maintenance Division' rigward it-tindif tat-toroq. Bħalissa qegħdin jidħlu ħafna ilmenti b'mod regolari u dan mhux jirrifletti l-iskeda ta' tindif li konna tgħajnihom, wisq lanqas għal l-ammont ta' flus li qegħdin inħallsu kull xahar. |
| 3.3.14 | Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-ilmenti tagħhom għandhom jidħlu l-uffiċċju tal-kunsill lokali permezz ta' ittra elettronika jew telefonata biex b'hekk ikunu reġistrati , ma jinqabeż xejn u jkun faċli biex isir follow-up. |
| 3.3.15<br><br>3.3.16<br><br>3.3.17<br><br>3.3.18<br><br>3.3.19<br><br>3.3.20<br><br>3.3.21 | Rigward ħarġiet u attivitajiet organizzati mill-Kunsill lokali, is-Sindku qal li l-attivita' ta' Għawdex kienet ilha miftiehma bejn il-kunsill preċedenti imma kienet ġiet posposta.<br><br>Is-Sindku inform lill-kunsilliera li fis-27 ta' Awwissu se jkun hemm 'Spanish Paella Night'. Din ser ssir b'kollaborazzjoni mal-Banda Madonna ta' Pompei.<br><br>Is-Sindku informa lill-kunsilliera li se jkun hemm dawn l-attivitajiet fix-xhur li ġejjin:<br><br>• 7 ta' Settembru ser issir 'Clean Up'. Il-Kunsill applika għal din l-inizjattiva permezz ta' skema li nħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali.<br><br>• F'Settembru se jkun hawn ukoll il-'Fish Fest' li tkun organizzata mill- Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, il-Ministeru tat-Turiżmu, is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, Akwakultura u Drittijiet tal-Annimali.<br><br>• L-għada tal-'Fish Fest' dan l-aħħar kien qiegħed isir Jum Marsaxlokk. Aktar 'il quddiem waqt din il-laqgħa għandha tiġi stabbilita data u aktar dettalji.<br><br>• F'Diċembru se nerġgħu ntellgħu l-attivitajiet tal-Milied. Din permezz ta' skema li ħareġ Il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, fejn applikajna għal skema li se tissusidja finanzjarjament l-ispiża sabiex nkunu nistgħu ntellgħu l-attivitajiet tal-Milied u tal-Karnival. |

| | |
|---|---|
| | |
| **3.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 3.4.1 | Il-Kunsillier Matthew issuġġerixxa li l-kunsill jorganizza *trick or treat* f'Halloween. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera. |
| 3.4.2<br><br>3.4.3 | Il-Viċi Sindku qalet li tixtieq li jinqalgħu x-xowers li twaħħlu fil-bajjiet tal-Għar l-Aħmar u l-Magħluq, dan minħabba li qegħdin ta' periklu w inkonvenjent għax l-ilma li ħiereġ minnhom mhux ixaqleb u qiegħed jinġabar f'roqgħa li ġiet tiżloq.<br><br>Is-Sindku talab li jittieħed vot. F'din il-votazzjoni kien hemm 4 kontra għaldaqstant il-proposta ma ġietx milqugħa. |
| 3.4.4 | Il-Viċi Sindku issuġġeriet li jżidu aktar laned tal-iskart kif ukoll tal-klieb max-Xatt. Is-Sindku qal li laned tal-klieb hawn 10 f'Marsaxlokk u żidna madwar 12 il-landa oħra tal-iskart max-Xatt ftit tax-xhur ilu. |
| 3.4.4 | Il-Kunsillier Reno qal li Triq Axtart hemm bżonn kinsa. Is-Sindku qal li ħa jinforma lill-Cleansing. |
| 3.4.5 | Il-Kunsillier Reno staqsa wkoll jekk fi Triq Axtrat hemmx xi rampa fuq il-bankina. Is-Sindku wieġeb li iva, dik it-triq hi arterjali u ma taqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill. Din il-bankina saret riċenti mill-Infrastructure Malta u minn dejjem kienet hekk. |
| 3.4.6 | Il-Kunsillier Reno ssuġġerixxa li fi Triq Duncan ma' Triq tas-Silġ issir sleeping police. Is-Sindku wieġeb li din għandha tinbidel mal-masterplan. Kien hemm votazzjoni li rriżultat fi 3 kontra u 2 favur. B'hekk il-proposta ma ġietx milqugħa. |
| 3.4.7 | Il-Kunsillier Matthew tkellem dwar PA3954/24 u li l-ittra trid tintbagħat għax għadha ma ntbagħtitx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li din se tintbagħat għada. |
| 3.4.8 | Il-Kunsillier Matthew qal li fil-Pjazza hemm bżonn zebra crossing. Is-Sindku wieġeb li ser napplikaw ma' Transport Malta. |
| 3.4.9 | Il-Kunsillier Matthew tkellem dwar is-Central Strip ta' Triq Santa Katerina u rrimarka li hemm 2 siġriet mejta, issuġġerixxa li għandna nibdew il-proċess mal-ERA biex naqilgħuhom. Is-Sindku qabel ma' dan. |
| | |
| **3.5** | **Jum Marsaxlokk** |
| 3.5.1 | Ġie maqbul li Jum Marsaxlokk ħa jsir l-għada tal- 'Fish Fest' li jkun it-22 ta' Settembru. Ġie maqbul bejn il-kunsilliera preżenti dan li ġej: |

<table>
<tr><td>3.5.2</td><td><ul><li>Tintbagħat l-ittra ta’ nomina lill-għaqdiet</li><li>Quddies – (9.30am)</li><li>Ċerimonja tkun filgħodu stess wara l-quddies</li><li>Tfittex tingħata ittra lil tal-Monti</li></ul></td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3.6</td><td>Fish Feast</td></tr>
<tr><td>3.6.1</td><td>Il-Fish Fest ġejna infurmati li ħa ssir fil-21 ta’ Settembru mis-6pm sa nofsillejl  Se jkollna laqgħa magħhom u mal-għaqdiet biex  niddiskutu aktar fid-dettal.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3.7<br><br>3.7.1<br><br><br>3.7.2</td><td>Planning Authority<br><br>Il-Kunsillier Zerafa ressaq quddiem il-Kunsill PA/04756/24. Ġie maqbul li l-iżviluppatur għandu jiġi mitkellem mill-kunsill sabiex jintlaħaq kompromess.<br><br>
<table>
<tr><td>Case Number:</td><td>PA/04756/24</td></tr>
<tr><td>Location of development:</td><td>No. 117 & Cafe de Paris, Xatt is-Sajjieda &, Triq Sant' Antnin, Marsaxlokk</td></tr>
<tr><td>Description of works:</td><td>Proposed demolition of existing dwelling, part excavation of site,<br>and construction of Class 3B Boutique Hotel, inc. pool at roof level.<br>Application also includes alterations to adjacent dwelling and interconnection<br>with ground floor level for a proposed Class 4D restaurant.</td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3.8</td><td>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti</td></tr>
<tr><td>3.8.1</td><td>Il-kunsillier Matthew Bugeja propona u l-kunsillier Reno Bugeja ssekonda l-iskedi tal-pagamenti.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3.9</td><td>Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.</td></tr>
<tr><td>3.9.1<br><br>3.9.2</td><td>Il-laqgħa tal-kunsill Nru 3 ġiet fit-tmiem wara li kienet eżawrita l-aġenda kollha.<br><br>Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar it-Tlieta, 10 ta’ Settembru, 2024 fl-4:30pm.</td></tr>
</table>

Ikkonfermati, illum 10 ta' Settembru, 2024.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Steven Grech** | **Karen Scicluna** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |
| | |
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| ***Proponent*** | ***Sekondant*** |